

## WERREJ

KUNTEST .....	2
Liema huma l-kompetenzi ewlenin? .....	2
Definizzjoni ta' kompetenza .....	2
Definizzjoni ta' kompetenza ewlenija .....	2
Dak li din il-lista 'mhijiex' .....	3
Użu u utenti .....	3
Proċess ta' żvilupp .....	3
Analiżi tal-letteratura u l-ewwel abbozz .....	3
Laqgħa u revizzjoni tal-esperti .....	4
Revizzjoni mill-grupp ta' ħidma tal-Forum Konsultattiv dwar preparazzjoni u rispons .....	4
Revizzjoni bbażata fuq il-web .....	4
Lista ta' kompetenzi ewlenin .....	6
Rikonoxximenti .....	6
Referenzi .....	7
Appendiċi A: Lista ta' kompetenzi ewlenin għal epidemjoloġi tal-qasam fl-amministrazzjonijiet tas-saħħa pubblika tal-Unjoni Ewropea, raggruppati f'kategoriji u setturi .....	8
1. Oqsma speċifiċi għall-professjoni .....	9
1.1. Saħħa Pubblika .....	9
1.2. Epidemjoloġija Applikata .....	9
2. Oqsma ġenerali, komuni għal professjonijiet oħra .....	11
2.1. Bijostatistika .....	11
2.2. Informatika .....	11
2.3. Komunikazzjoni .....	12
2.4. Ġestjoni .....	12
2.5. Żvilupp tal-kapaċità .....	13
2.6. Etika .....	13



Kompetenzi ewlenin għal epidemjoloġi tas-saħħa pubblika li jaħdmu fil-qasam ta' sorveljanza u rispons ta' mard trasmisibbli, fl-Unjoni Ewropea

## KUNTEST

Ir-regolament li jstabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), fl-Artikolu 9, jindika ir-rwol taċ-Ċentru fl-għoti ta' taħriġ: 'Bħal ma hu xieraq, iċ-Ċentru għandu jappoġġa u jikkoordina programmi ta' taħriġ sabiex jgħin lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex ikollhom numru suffiċjenti ta' speċjalisti mħarrġa, partikolarment fis-sorveljanza epidemjoloġika u fil-qasam ta' l-investigazzjonijiet, u jkollhom kapaċità biex jiddefinixxu miżuri ta' saħħa biex jikkontrollaw it-tfaqqiġ ta' mard'.

Fost il-prijoritajiet identifikati matul l-ewwel konsultazzjoni mal-Istati Membri għal strateġija ta' taħriġ fl-epidemjoloġija tal-intervent fl-Ewropa, li saret fl-2005 fi Stokkolma, hemm l-iżvilupp tal-kompetenzi ewlenin għal epidemjoloġi tal-qasam fl-Unjoni Ewropea (UE).

L-ECDC, flimkien ma' grupp ta' esperti (grupp ta' kompetenzi ewlenin) żviluppa lista ta' kompetenzi ewlenin suġġeriti għal epidemjoloġi tal-qasam li jaħdmu fuq il-livelli kollha minn livell sottonazzjonali (provinċji, distretti, reġjuni) sa nazzjonali u supranazzjonali (Ewropew u internazzjonali) fl-amministrazzjonijiet tas-saħħa pubblika tal-UE.

Hemm oqsma oħra fejn l-ECDC jagħmel 'tisih tal-kapaċitajiet permezz ta' taħriġ': il-valutazzjoni tal-kapaċità epidemjoloġika u riżorsi u eżiġenzi ta' taħriġ fl-Istati Membri tal-UE; l-organizzazzjoni ta' moduli qosra ta' taħriġ għall-Istati Membri tal-UE/Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE); l-Integrazzjoni tal-Programm Ewropew għat-Taħriġ fl-Epidemjoloġija tal-Intervent (EPIET) fiċ-Ċentru.

## Liema huma l-kompetenzi ewlenin?

### Definizzjoni ta' kompetenza

Kompetenza hija taħlita ta' għarfien, kapaċitajiet u ħiliet li professjonista għandu juri u li huma essenzjali sabiex wieħed iwettaq xogħlu b'mod effikaċi.

### Definizzjoni ta' kompetenza ewlenija

Il-kompetenzi ewlenin elenkati f'dan id-dokument huma definiti għal professjonisti li jinsabu f'nofs il-karriera, u mhux epidemjoloġi li għadhom jilħqu jew esperti.

Jitqies li professjonista jinsab f'nofs il-karriera meta jkun laħaq tliet snin ta' esperjenza fil-qasam jew wara li jkun segwa programm ta' taħriġ ta' sentejn ta' epidemjoloġija tal-qasam. Il-profil professjonali ikun dak ta' superviżur tat-taqsim għall-attivitajiet ta' sorveljanza jew ta' preparazzjoni u rispons. Minkejja r-riskju li jinħolqu kategoriji artifiċjali, dan l-approwċ huwa meħud biex jiffaċilita l-proċess.

It-terminu 'ewlenin' jindika li l-kompetenzi għandhom ikunu prerekwiżiti minimu għall-epidemjoloġi tal-qasam kollha, indipendentement mil-livell amministrattiv (internazzjonali, nazzjonali, sottonazzjonali, lokali, eċċ.) li hu/hi jikkupa fis-sistema tas-saħħa pubblika. Dawn għandhom ikunu komuni għall-professjonisti kollha f'dan il-qasam.

Din il-lista fiha kompetenzi marbuta max-'xogħol' u mal-'istruzzjoni'.

Fil-futur, jistgħu jkunu żviluppati sottokompetenzi sabiex jiffaċilitaw l-iżvilupp tal-kurrikulu.

Kompetenzi ewlenin għal epidemjoloġi tas-saħħa pubblika li jaħdmu fil-qasam ta' sorveljanza u rispons ta' mard trasmissibbli, fl-Unjoni Ewropea



## **Dak li din il-lista 'mhijiex'**

Din il-lista la hi dokument ta' regolamentazzjoni u lanqas test definittiv, jew kurrikulu lest biex jintuża.

## **Użu u utenti**

Il-lista ta' kompetenzi ewlenin hija maħsuba biex tintuża bħala dokument ta' referenza għal istituzzjonijiet u individwi differenti relatati mas-saħħa pubblika fil-pajjiżi tal-UE.

Din ser tkun aġġornata perjodikament u b'kollaborazzjoni mal-utenti potenzjali (Istituti tas-Saħħa Pubblika fl-UE, programmi ta' taħriġ, eċċ.).

Dawn għandhom ikunu wkoll strument importanti matul il-valutazzjonijiet magħmula fiż-żjarat tal-pajjiżi differenti bil-għan li jidentifikaw ambiti ta' xogħol jew għarfien espert li għandhom jissaħħew.

Fost l-użi importanti jinsabu:

- Evalwazzjoni ta' apprentisti: kemm waqt reklutaġġ kif ukoll wara, biex jiġi vvalutat l-istat li laħqu fil-proċess ta' taħriġ u f'termini ta' riżultati meta mqabbla mal-kompetenzi. Għal dan l-iskop jista' jkun aktar adatt il-kunċett ta' sottokompetenzi, ikkunsidrat bħala l-kapaċità li jitwettqu xogħlijiet speċifiċi, .
- Żvilupp tal-kurrikulu u disinn ta' programmi ta' tgħalim,
- Akkreditament tal-programmi ta' taħriġ: fl-ambitu ta' kwalunkwe proċess ta' akkreditament, għandhom ikunu valutati kompetenzi u kurrikuli tal-programmi ta' taħriġ.

L-utenti potenzjali mhumiex biss istituti tas-saħħa pubblika u programmi ta' taħriġ, iżda wkoll professjonisti u apprendisti, individwalment. Huma meħtieġa għar-rikonoxximent tal-professjoni, u sabiex id-deskrizzjonijiet tal-impjiegi ikunu iktar komparabbli.

## **Proċess ta' żvilupp**

### **Analiżi tal-letteratura u l-ewwel abbozz**

Fl-2006, l-ECDC irrevoda diversi listi ta' kompetenzi ta' epidemjoloġi tal-qasam, kif ukoll dawk ta' Programmi ta' Taħriġ ta' Epidemjoloġija tal-Qasam (FETP). Ingħatat attenzjoni speċjali lill-lista tat-FETP Indjan żviluppata bħala mezz ta' produzzjoni ta' strument ta' valutazzjoni għall-apprendisti. Barra minn dan, f'kollaborazzjoni mas-CSTE (Council of State and Territorial Epidemiologists), ġew studjati fil-fond il-lista tan-netwerk TEPHINET (Training Programmes in Epidemiology and Public Health Interventions Network) u l-lista tal-kompetenzi fil-qasam tal-epidemjoloġija applikata, għal livelli differenti, taċ-ċentri tal-Istati Uniti għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard (Centers for Disease Control and Prevention, CDC).

Il-Vademecum tal-European Master of Public Health of the Association of Schools of Public Health in the European Region (ASPHER) fil-Parti 5 tiegħu: Katalogu tal-Kompetenzi Potenzjali ġie analizzat bħala referenza meħtieġa għas-setturi tax-xjenza u tal-politika fis-settur tas-saħħa pubblika.



Kompetenzi ewlenin għal epidemjoloġija tas-saħħa pubblika li jaħdmu fil-qasam ta' sorveljanza u rispons ta' mard trasmissibbli, fl-Unjoni Ewropea

Rigward il-metodoloġija, inġhatat attenzjoni speċjali lill-proċess tal-Istati Uniti minn CDC/CSTE tal-iżvilupp tal-kompetenzi ewlenin fl-epidemjoloġija applikata u fl-esperjenza tal-Università Jagellonika fil-Polonja, fl-ambitu tal-proġett Leonardo da Vinci. Barra minn hekk, ġew studjati l-fażijiet tal-proġett tal-Masters fl-Iżvilupp tal-Kompetenzi Ewlenin fis-Saħħa Pubblika.

Inkitbu dokument ta' ħidma u l-ewwel abbozz ta' lista tal-ECDC, riveduti internament, kif ukoll mill-koordinaturi tal-EPIET u EPIET Alumnae Association (EAN) matul Novembru 2006.

### **Laqgħa u reviżjoni tal-esperti**

L-ewwel abbozz tal-lista tal-kompetenzi ewlenin kien diskuss f'Jannar 2007 minn 18-il espert minn 15-il istituzzjoni differenti, fosthom istituti ta' sorveljanza tas-saħħa pubblika fl-UE, l-Assoċjazzjoni Ewropea għas-Saħħa Pubblika (EUPHA), diversi FETP minn pajjiżi Komunitarji u barranin, l-EPIET, l-EAN, is-CDC tal-Istati Uniti, it-TEPHINET, l-ASPHER u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Ir-rapport komplut ta' din il-laqgħa jista' jiġi kkonsultat fl-indirizz [http://www.ecdc.europa.eu/en/activities/training\\_activities/Pages/index.aspx](http://www.ecdc.europa.eu/en/activities/training_activities/Pages/index.aspx)

Id-differenzi skont il-livelli amministrattivi (nazzjonali, sottonazzjonali, lokali, eċċ.) kienu kkunsidrati biss waqt l-esplorazzjoni tal-kompiti li għandhom jittwettqu, dan biex tkun identifikata l-intersezzjoni bejniethom, għax il-kompetenzi ewlenin huma dawk neċessarji sabiex jitwettaq ix-xogħol fuq kwalunkwe livell. L-esperti, imqassmin fi gruppi ta' ħidma, wettqu reviżjoni kritika ta' kull waħda mill-kompetenzi ewlenin, filwaqt li jużaw ukoll il-lista ta' "Kompetenzi fil-qasam tal-epidemjoloġija applikata għall-aġenziji governattivi tas-saħħa pubblika" tal-organizzazzjonijiet tal-Istati Uniti CDC/CSTE, partikolarment dawn għal-'livell 2: epidemjologu ta' livell medju'.

Wara l-laqgħa u skont id-diskussjoni mwettqa fil-gruppi tal-ħidma, ġie deċiż li l-ewwel abbozz tal-lista kellu jkun aġġornat. Għaldaqstant intbagħat bl-e-mail kwestjonarju strutturat lill-esperti kollha. Kienu ppreżentati l-kategoriji, l-oqsma u s-setturi kollha, kif ukoll il-lista tal-kompetenzi. L-esperti kollha kienu mistiedna jagħtu kummenti ġenerali dwar l-istruttura. Għal kull waħda mill-kompetenzi kellhom jagħżlu li: (1) jaċċettawha mingħajr tibdil; (2) jaċċettawha b'tibdil jew arranġamenti li għandhom ikunu speċifikati; jew (3) iħassruha. Għal kull settur kien possibbli wkoll li jiġu proposti kompetenzi addizzjonali.

### **Reviżjoni mill-grupp ta' ħidma tal-Forum Konsultattiv dwar preparazzjoni u rispons**

Wara li nġabru l-konklużjonijiet kollha fil-Laqgħa tal-Esperti ta' Jannar, f'Mejju 2007 ġiet ippreżentata fil-qosor l-attività lill-grupp ta' ħidma tal-Forum Konsultattiv dwar il-preparazzjoni u r-rispons, li kien mistieden jirrevedi l-lista, permezz tal-użu tal-istess kwestjonarju.

### **Reviżjoni bbażata fuq il-web**

F'Lulju u f'Awwissu 2007, kien sar sħarriġ fuq is-sit elettroniku tal-ECDC miftuħ għall-professionisti kollha fil-qasam tal-epidemjoloġija fuq is-sorveljanza ta' mard trasmissibbli u r-rispons tal-UE li jixtiequ jipparteċipaw. Kienu inkoraġġuti biex jipparteċipaw l-entitajiet li jħaddmu, pereżempju l-Istituti tas-Saħħa Pubblika, l-assoċjazzjonijiet professjonali, l-entitajiet li jipprovdu taħriġ u l-koordinaturi ta' programmi ta' taħruġ epidemjoloġiku.

Kompetenzi ewlenin għal epidemjoloġi tas-saħħa pubblika li jaħdmu fil-qasam ta' sorveljanza u rispons ta' mard trasmisibbli, fl-Unjoni Ewropea



Sabiex jiżdied il-livell ta' parteċipazzjoni, ġie ppubblikat artiklu qasir fil-*Eurosurveillance* nhar il-Ħamis, 2 ta' Awwissu 2007.

Il-parteeipanti kienu kkaratterizzati skont il-pożizzjoni kurrenti, is-settur (amministrazzjoni pubblika/kumpanija privata), il-livell (reġjonali-provinċjali/nazzjonali/internazzjonali), in-numru ta' snin ta' esperjenza fl-impjeg kurrenti, il-professjoni, it-titolu postuniversitarju, l-età u l-pajjiż ta' residenza.

Inġabru l-kummenti ġenerali. F'dan l-istħarriġ ġew valutati ħamsa u tmenin kompetenza permezz tal-iskala Likert (1 għal nuqqas totali ta' qbil, 2 għal nuqqas ta' qbil, 3 għal inċertezza, 4 għal qbil u 5 għal qbil totali).

Kienu analizzati total ta' 38 kwestjonarju, li waslu minn professjonisti tas-saħħa pubblika minn pajjiżi Ewropej differenti: il-Belġju (1), ir-Repubblika Ċeka (1), id-Danimarka (1), il-Finlandja (1), Franza (7), il-Ġermanja (2), il-Ġreċja (1), l-Ungerija (1), l-Irlanda (2), l-Italja (1), in-Norveġja (1), il-Portugall (1), ir-Rumanija (2), Spanja (9), l-Iżvezja (2), l-Olanda (3), ir-Renju Unit (1) u l-Kroazja (1).

Għoxrin kienu gradwati ta' FETP, għalhekk jistgħu jkunu kkunsidrati bħala speċjalisti fl-epidemjoloġija applikata. Tmienja u għoxrin kienu tobba mediċi u tlieta veterinarji. Hdx kellhom PhD u mill-inqas 13 għandhom Master fis-saħħa pubblika, fl-epidemjoloġija jew fix-xjenzi tas-saħħa oħra.

Erbgħa u tletin (90%) jaħdmu fl-amministrazzjoni f'livelli differenti fl-UE. L-età medja tal-intervistati hija 40 sena, b'medda ta' 27-63.

Ebda intervistat ma esprima nuqqas ta' qbil ma' xi waħda mill-85 kompetenza. Kien espress qbil totali (ta' iktar minn 4) fir-rigward ta' 67 mill-kompetenzi proposti. Jekk jitqiesu aċċettati l-kompetenzi kollha li kisbu punteġġ oġġla minn 3.5, jistgħu jiżammu fil-lista total ta' 81 kompetenza.

Il-kompetenzi li kienu kklassifikati bejn 3.2 u 3.4 (importanza inċerta), kollha għall-istess raġuni, kienu l-erba' kompetenzi li ġejjin, u kienu mħassra mil-lista:

- Numru 10 (*Applika metodi u strumenti ekonomiċi sabiex tappoġġja u tevalwa t-teħid ta' deċiżjonijiet fis-saħħa*) fis-settur ta' 'politika tas-saħħa pubblika', fil-qasam tas-saħħa pubblika. Punteġġ 3.2
- Numru 36 (*Oħloq protokoll għall-ġbir ta' kampjuni*) fis-settur ta' 'affarijiet tal-laboratorju', fil-qasam tal-epidemjoloġija applikata. Punteġġ 3.2
- Numru 37 (*Identifika t-testijiet approprijati neċessarji għad-dijanjożi ta' marda*) fis-settur 'mudellar matematiku' u biostatistika. Punteġġ 3.3
- Numru 55 (*Użu ta' pakketti ta' softwer għal tipi oħra ta' analiżi ta' dejta (mudellar, eċċ)*) fis-settur 'analiżi statistika u ta' dejta oħra', fil-qasam tal-informatika applikata. Punteġġ 3.4



Kompetenzi ewlenin għal epidemjoloġi tas-saħħa pubblika li jaħdmu fil-qasam ta' sorveljanza u rispons ta' mard trasmisibbli, fl-Unjoni Ewropea

In-numru finali ta' kompetenzi rriżulta 80, wara li tħassru l-erbgħa li għalihom kienet espressa pożizzjoni newtrali, u oħra li kienet ikkunsidrata żejda, in-numru 83 fil-lista oriġinali:

'Ippromwovi kondotta etika fost il-kollegi', peress li dan jista' probabbilment ikun impliċitu fil-kompetenzi l-oħra fil-qasam tal-Etika u tal-Iżvilupp tal-kapaċità.

Barra minn hekk, il-kunsiderazzjoni magħmula mill-membri tal-Forum Konsultattiv dwar il-bżonn ta' inklużjoni ta' qasam dwar il-mard infettiv kienet solvuta, billi kienet miżjuda u mdaħħla f'kompetenza ġdida, in-numru 35: *'Kun familjari mad-dinamika ta' trasmissjoni ta' mard infettiv.*

Ir-riżultati ta' dan l-istħarriġ kienu ppreżentati u diskussi fit-Tieni Konsultazzjoni tal-ECDC mal-Istati Membri tal-UE dwar l-Istrateġija ta' Taħriġ tal-ECDC fil-11 u t-12 ta' Settembru 2007, fi Stokkolma, kif ukoll lill-Forum Konsultattiv tal-ECDC tat-13 u l-14 ta' Settembru 2007.

## Listta ta' kompetenzi ewlenin

Wara l-proċess ta' żvilupp kollu, it-tabella ta' kategoriji, oqsma u setturi u l-lista ta' kompetenzi proposti, hija inkluża fl-Appendiċi A. L-ECDC biĥsiebha tuża din il-lista bħala strument ta' valutazzjoni għal eżiġenzi speċifiċi ta' taħriġ fil-pajjiżi tal-UE li jistgħu jkunu applikati fi żjarat fil-pajjiżi, stħarriġ, eċċ.

Huma parti mil-lista wkoll il-kompetenzi ġenerali li jappartjenu għal dixxiplini oħra li ma jidhrlux fis-saħħa pubblika jew fl-epidemjoloġija applikata, iżda li huma essenzjali biex jitwettag ix-xogħol.

## Rikonoxximenti

Ħafna persuni u istituzzjonijiet taw sehemhom fil-proġett ta' żvilupp tal-kompetenzi ewlenin:

- Il-parteċipanti fil-Laqqgħa tal-Esperti tal-31 ta' Jannar fi Stokkolma (grupp tal-kompetenzi ewlenin) kienu: Preben Aavitsland, Katharina Alpers, Nancy Binkin, Jeanette de Boer, Arnold Bosman, Luca Busani, Katarzyna Czabanowska, Denis Coulombier, Ruth Gelletlie, Brigitte Helynck, Yvan Hutin, Denise Koo, James Stuart, Alena Petrakova, Lara Payne, Zoltan Voko, Marta Valenciano u Carmen Varela.
- Ringrazzjament speċjali jmur lill-grupp ta' ħidma dwar il-preparazzjoni u r-rispons fil-Forum Konsultattiv li kkontribwixxa għar-reviżjoni.
- Ringrazzjament ukoll lil dawk kollha li qassmu l-istħarriġ lil assoċjazzjonijiet u netwerks professjonali differenti fl-UE kif ukoll lil dawk kollha li kkontribwixxew b'mod anonimu.
- Fl-aħħar radd ħajr imur lil professjonisti oħra ta' istituzzjonijiet tas-saħħa pubblika li għenu jew ipprovdew ideat u kunċetti matul dan l-eżerċizzju, permezz ta' kuntatt dirett mal-ECDC jew permezz ta' diskussjonijiet mal-esperti.



## Referenzi

- Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard  
[http://ecdc.europa.eu/About\\_us/Key\\_Documents/ecdc\\_regulations.pdf](http://ecdc.europa.eu/About_us/Key_Documents/ecdc_regulations.pdf)
- Rapport tal-Laqqgħa: Consultation with the MS about an ECDC Training Strategy, Diċembru 2005, Disponibbli minn <http://ecdc.europa.eu/Activities/Training.html>
- Rapport tal-Laqqgħa: Core competencies of epidemiology in the area of communicable disease surveillance and response in the EU, l-ewwel laqqgħa tal-esperti tal-ECDC, Stokkolma, 31 ta' Jannar 2007. Disponibbli minn <http://ecdc.europa.eu/Activities/Training.html>
- Miner K, Childers W, Alperin M, Hunt N; The MACH Model: From Competencies to Instruction and Performance of the Public Health Workforce, Public Health Reports 2005 SUPPLEMENT 1 / Volume 120. [http://www.publichealthreports.org/userfiles/120\\_SUP1/120009sup.pdf](http://www.publichealthreports.org/userfiles/120_SUP1/120009sup.pdf)
- Varela C, Coulombier D. Defining core competencies for epidemiologists working in communicable disease surveillance and response in the public health administrations of the European Union. *Eurosurveillance* 2007;12(8):E070802.2. Disponibbli minn: <http://www.eurosurveillance.org/ew/2007/070802.asp#2>

## APPENDIĊI A: LISTA TA' KOMPETENZI EWLENIN GĦAL EPIDEMJOLOĠI TAL-QASAM FL-AMMINISTRAZZJONIJIET TAS- SAĦĦA PUBBLIKA TAL-UNJONI EWROPEA, RAGGRUPPATI F'KATEGORIJI U SETTURI

**Tabella 1. Oqsma u setturi fl-epidemjoloġija fis-saħħa pubblika**

Kategorija	Qasam	Settur
Speċifika għall-professjoni	Saħħa pubblika	1. Xjenza tas-saħħa pubblika
		2. Politika tas-saħħa pubblika
	Epidemjoloġija applikata	3. Valutazzjoni tar-riskji
		4. Sorveljanza tas-saħħa pubblika
		5. Investigazzjoni ta' tfaqiqi ta' mard
		6. Studji epidemjoloġiċi
		7. Mard infettiv
		8. Affarijiet tal-laboratorju
		9. Linji gwida dwar is-saħħa pubblika
Komuni għal professjonijiet oħra	Bijostatistika	10. Probabbiltà
		11. Statistika inferenzjali
		12. Teħid ta' kampjuni
	Informatika applikata	13. Internet
		14. Analiżi statistika u metodi ta' analiżi oħra
		15. Editjar u preżentazzjonijiet
	Komunikazzjoni	16. Komunikazzjoni tar-riskji
		17. Komunikazzjoni bil-miktub
		18. Komunikazzjoni orali
		19. Użu ta' teknoloġiji ġodda
	Ġestjoni	20. Ippjanar u użu ta' riżorsi
		21. Formazzjoni ta' timijiet u negozjazzjoni
	Żvilupp tal-kapaċità	22. Mentorship
		23. Taħriġ
	Etika	24. Protezzjoni tal-individwi
		25. Kunfidenzjalità
26. Kunflitti ta' interessi		



## **1. Oqsma speċifiċi għall-professjoni**

### **1.1. Saħħa Pubblika**

#### ***Settur 1.1.1 Xjenza tas-saħħa pubblika***

1. Użu ta' l-għarfien epidemjoloġiku attwali dwar il-mard biex tiggwida s-saħħa pubblika jew il-prattika epidemjoloġika
2. Ipprovi dejta epidemjoloġika biex tiżviluppa għanijiet rilevanti li jistgħu jitkejju fil-programmi tas-saħħa pubblika
3. Użu ta' għarfien ta' fatturi soċjoloġiċi u kulturali speċifiċi ta' popolazzjoni biex twettaq studji u rakkomandazzjonijiet tas-saħħa pubblika rilevanti għall-komunità kkonċernata

#### ***Settur 1.1.2 Politika tas-saħħa pubblika***

4. Ifhem u analizza d-dokumenti legali dwar il-politika tas-saħħa pubblika fuq livell lokali, nazzjonali u Ewropew
5. Uża riżultati epidemjoloġiċi biex tippjana programmi ta' saħħa pubblika
6. Implimenta programmi ta' saħħa pubblika: aqleb il-politika fi Prattika tas-saħħa pubblika
7. Identifika miżuri effikaċi ta' promozzjoni tas-saħħa għal problemi speċifiċi
8. Identifika miżuri approprijati ta' prevenzjoni tal-mard għal problemi speċifiċi
9. Evalwa l-impatt ta' intervent fuq is-saħħa tal-popolazzjoni
10. Ikkalkula l-eżiti f'termini ta' saħħa sabiex tiggwida t-teħid ta' deċiżjonijiet fl-istrateġija ta' prevenzjoni
11. Uża r-riżultati tal-evalwazzjonijiet tal-progress miksub mill-programm lejn għanijiet u eżiti għal iktar ippjanar u modifika tal-programm
12. Identifika intervent approprijat tas-saħħa pubblika bbażat fuq dejta ta' sorveljanza.

### **1.2. Epidemjoloġija Applikata**

#### ***Settur 1.2.1 Valutazzjoni tar-Riskji***

13. Identifika s-sorsi tal-informazzjoni dwar theddid potenzjali għas-saħħa pubblika
14. Wettaq valutazzjonijiet tar-riskji: i-verifika, uża raġunament kritiku, jekk teżisti problema tas-saħħa pubblika u ddeskrivi l-kobor tagħha
15. Identifika eżiġenzi f'termini ta' dejta ta' sorveljanza għal valutazzjonijiet tar-riskji ta' theddid tas-saħħa pubblika

#### ***Settur 1.2.2 Sorveljanza tas-saħħa pubblika***

16. Uża sistema ta' sorveljanza.
17. Huw ħsieb il-ġestjoni tas-dejta ta' sorveljanza.
18. Wettaq analiżi deskrittiva tad-dejta ta' sorveljanza.



19. Interpreta t-tendenzi tal-mard u tal-avvenimenti ta' saħħa pubblika abbażi ta' analiżi ta' serje ta' dejta matul iż-żmien
20. Identifika r-riżultati ewlenin minn analiżi tad-dejta ta' sorveljanza u iġbed konklużjonijiet
21. Evalwa s-sistemi ta' sorveljanza
22. Irrikonoxxi l-bżonn għal sistema ġdida u stabbilixxiha
23. Uża s-sorveljanza bbażata fuq l-avvenimenti, imsejħa wkoll "*epidemic intelligence*", biex tidentifika t-theddid għas-saħħa
24. Kun familjari mal-liġijiet dwar is-sorveljanza u r-rapportaġġ ta' mard trasmissibbli fuq livell nazzjonali, Komunitarju u dinji (Regolamenti tas-Saħħa Internazzjonali)

### ***Settur 1.2.3 Investigazzjoni ta' tfaqqigħ tal-mard***

25. Oħloq definizzjoni ta' każ u aġġustaha skont kif ikun neċessarju matul l-investigazzjoni
26. Iddeskrivi t-tfaqqigħ tal-mard fit-termini tal-persuna, l-post u l-ħin
27. Iġġenera ipoteżi dwar il-każ u/jew il-fatturi ta' riskju tat-tfaqqigħ tal-mard
28. Wettaq investigazzjoni epidemjoloġika analitika biex tidentifika s-sors
29. Irrakkomanda miżuri xierqa bbażati fuq provi biex jikkontrollaw it-tfaqqigħ tal-mard
30. Irrapporta u ppreżenta riżultati ta' investigazzjoni

### ***Settur 1.2.4 Studji epidemjoloġiċi***

31. Ikteb protokoll ta' studju billi tuża tekniki ta' investigazzjoni konsistenti mal-problema tas-saħħa pubblika
32. Wettaq studji epidemjoloġiċi
33. Irrapporta u ppreżenta riżultati ta' studju
34. Irrakkomanda interventi bbażati fuq l-evidenza bħala rispons għal riżultati epidemjoloġiċi

### ***Settur 1.2.5 Mard infettiv***

35. Kun familjari mad-dinamika tat-trasmissjoni ta' mard infettiv

### ***Settur 1.2.6 Affarijiet tal-laboratorju***

36. Interpreta s-sinifikat dijanjostiku u epidemjoloġiku ta' rapporti miksuba minn testijiet tal-laboratorju
37. Kun familjari ma' metodi differenti ta' dijanjożi u tipizzazzjoni, inklużi t-testijiet molekolari
38. Ikkomunika b'mod effikaċi mat-tim tal-laboratorju

### ***Settur 1.2.7 Gwida tas-saħħa pubblika***

39. Identifika, irrevedi u vvaluta l-letteratura rilevanti u provi oħra
40. Żviluppa linji gwida bbażati fuq provi għas-sorveljanza, il-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard trasmissibbli u avvenimenti gravi oħra tas-saħħa pubblika
41. Identifika l-gruppi fil-mira xierqa għal-linji gwida

## **2. Oqsma ġenerali, komuni għal professjonijiet oħra**

### **2.1. Bijostatistika**

#### ***Settur 2.1.1 Probabbiltà***

42. Applika kunċetti bażiċi ta' probabbiltà

#### ***Settur 2.1.2: Statistika inferenzjali***

43. Ikkalkula u interpreta stimi ta' punti u intervalli ta' kunfidenza ta' miżuri ta' tendenza ċentrali u dispersjoni
44. Ikkalkula u interpreta stimi ta' punti u intervalli ta' kunfidenza ta' miżuri ta' frekwenza tal-mard
45. Ikkalkula u interpreta stimi ta' punti u intervalli ta' kunfidenza ta' miżuri ta' assoċjazzjoni u impatt
46. Ikkalkula u interpreta testijiet tas-sinjifikanza

#### ***Settur 2.1.3 Teħid ta' kampjuni***

47. Agħżel strateġija ta' teħid ta' kampjuni xierqa

### **2.2. Informatika**

#### ***Settur 2.2.1 Internet***

48. Uża sorsi tal-internet biex twettaq tfittxija fil-letteratura
49. Uża databases fuq l-internet

#### ***Settur 2.2.2 Analiżi statistika u ta' dejta oħra***

50. Uża pakketti ta' softwer ta' database għad-dħul u l-ġestjoni tad-dejta
51. Uża pakketti ta' softwer għall-analiżi statistika (miżuri ta' assoċjazzjoni, ittestjar, u regressjoni loġistika)
52. Iġbed konklużjonijiet mir-riżultati tal-analiżi

#### ***Settur 2.2.3 Editjar u preżentazzjonijiet***

53. Uża software għall-kitba, l-editjar u l-ħolqien ta' preżentazzjonijiet

## **2.3. Komunikazzjoni**

### ***Settur 2.3.1 Komunikazzjoni tar-riskji***

54. Applika l-prinċipji bażiċi tal-komunikazzjoni tar-riskji, filwaqt li tadattal-messaġġ meta jiġu ppreżentati riżultati ta' investigazzjoni skont l-udjenza: il-midja, il-pubbliku ġenerali, il-professionisti u l-entitajiet li jfasslu l-politika

### ***Settur 2.3.2 Komunikazzjoni bil-miktub***

55. Ikteb rapport ta' investigazzjoni epidemjoloġika għall-entitajiet li jieħdu d-deċiżjonijiet
56. Ikteb artiklu għal rivista xjentifika
57. Ikteb sinteżi
58. Ikteb stqarrija għall-istampa
59. Ipproduċi dokumenti, rapporti, ittri, minuti ta' laqgħat, eċċ

### ***Settur 2.3.3 Komunikazzjoni orali***

60. Inkorpora l-kapaċitajiet interpersonali fil-komunikazzjoni mal-kollegi u ma' tipi oħra ta' pubbliku
61. Analizza u ssintetizza l-punti ewlenin f'diskors
62. Ipprovi feedback oġġettiv (deskrittiv, iktar milli soġġettiv)

### ***Settur 2.3.4 Użu ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni ġodda***

63. Uża b'mod effikaċi t-teknoloġiji ta' komunikazzjoni (vidjokonferenza, telekonferenza, e-mail, eċċ.)

## **2.4. Ġestjoni**

### ***Settur 2.4.1 Ippjanar u uża ta' riżorsi***

64. Ippjana, stabbilixxi l-prijoritajiet u daħħal fi skeda l-kompiti fl-ambitu ta' proġett
65. Ivverifika l-progress u l-kwalità ma' għanijiet speċifiċi, adatta l-iskedi u daħħal tibdiliet, jekk ikun il-każ
66. Amministra b'mod effikaċi r-riżorsi disponibbli (persunal, ħin, baġit, eċċ)
67. Wettaq attivitajiet epidemjoloġiċi fil-kuntest ta' ppjanar finanzjarju u operattiv
68. Ipprepara rapport tal-attività

### ***Settur 2.4.2 Formazzjoni ta' timijiet u negozjazzjoni***

69. Kun membru effikaċi tat-tim, billi tadotta r-rwol neċessarju biex tikkontribwixxi b'mod kostruttiv għat-twettiq tax-xoġhljiet mill-grupp (inkluż fit-tmexxija)
70. Ippromovi kollaborazzjonijiet, sħubiji u formazzjoni ta' timijiet biex tikseb għanijiet tal-programm epidemjoloġiku
71. Żviluppa sħubiji fuq livell ta' komunità sabiex tappoġġja investigazzjonijiet epidemjoloġiċi.

72. Identifika b'mod reċiproku dawk l-interessi li huma l-istess, opposti jew differenti mal-parti l-oħra biex tikseb kollaborazzjonijiet tajbin u ġestjoni tal-kunflitti.

## **2.5. Żvilupp tal-kapaċità**

### ***Settur 2.5.1 Mentorship***

73. Kun il-mentor ta' epidemjoloġi ta' esperjenza ndaqs jew li għadhom jilħqu

74. Għin lil oħrajn biex tiċċara l-ideat, oħloq kunsens, u żviluppa l-ideat fi pjanijiet li jistgħu jinqalbu f'azzjoni

### ***Settur 2.5.2 Taħriġ***

75. Ħarreġ l-epidemjoloġi li għadhom jilħqu

## **2.6. Etika**

### ***Settur 2.6.1 Protezzjoni tal-individwi***

76. Irrispetta u żomm mal-prinċipji etiċi rigward il-benesseri tal-bniedem

77. Segwi prinċipji u linji gwida etiċi għall-ippjanar ta' studji, it-twettiq ta' riċerki, kif ukoll il-ġbir, id-disseminazzjoni u l-użu ta' dejta

78. Applika liġijiet rilevanti għall-ġbir, il-ġestjoni, id-disseminazzjoni ta' dejta kif ukoll l-użu ta' informazzjoni

### ***Settur 2.6.2 Riservatezza***

79. Irrispetta u żomm mal-prinċipji etiċi rigward il-protezzjoni ta' dejta u l-kunfidenzjalita' rigward kwalunkwe informazzjoni miksuba bħala parti mill-attività professjonali

### ***Settur 2.6.3 Kunflitti ta' interessi***

80. Itratta l-kunflitti ta' interessi.